# "Jekk neqirdu l-ambjent inkunu qed neqirdu lilna nfusna"

FRIDAY, 24 JANUARY 2014 11:23 RITIANNE AGIUS

19
Share



F'Malta ghandna diversi pjanti, u anki xi ftit annimali, li huma endemici ghal pajjizna. Dawn m'humiex biss il-pjanta ta' widnet il-bahar u l-merill, izda jinkludu firxa wiesgha ta' speci, miz-zebbuga u l-palma, sal-qabru u z-zring. Matul is-snin l-izvilupp u t-tniggiz ghamlu taghhom, u llum hemm il-periklu li nitilfu dawn l-ispeci ghal dejjem. B'xorti tajba hemm min jaghraf l-importanza ekologika ta' dawn l-ispeci, u b'mod volontarju qed jahdem biex dawn jigu kkonservati. Dawn il-persuni jinkludu t-tim tal-Fondazzjoni Genista, li flimkien ma' voluntiera li jigu minn barra fuq zewg progetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea taht il-program Youth in Action EVS, qed jaghmlu hilithom biex jikkonservaw speci endemici f'riserva naturali fil-Kalkara.

RITIANNE AGIUS zaret din ir-riserva naturali, fejn iltaqghet ma' MARK CAUSON, Direttur tar-Ricerka tal-Fondazzjoni Genista. Causon jitkellem dwar ix-xoghol li l-fondazzjoni qed taghmel b'risq ir-ricerka, il-konservazzjoni, u l-biedja organika.

**Il-haxix hazin m'huwiex hazin!**

Ghalkemm gieli nzilt fejn il-bajja z-zghira tal-Kalkara biswit ir-Rinella, qatt ma tajt kas ta' tabella partikolari li tidher minn fuq hajt, u li taqra 'Genista Foundation'. Qatt ma bsart li wara dak il-hajt, minbarra klabb tat-tennis, kien hemm ukoll riserva naturali mill-isbah.

Hekk kif tirfes fir-riserva, mill-ewwel thoss li dhalt f'post differenti; post genwinament naturali minghajr ebda pretensjonijiet. Nixxiegha li taqsam ir-riserva min-naha ghall-ohra tipprovdi refugju ghall-qabru u z-zring. Fuq kull naha pjanti, hafna minnhom endemici, jikbru alenija. Tigieg u papri jduru fil-libertà. Kelb jinbah ghall-attenzjoni. Dan kollu taht id-dell ta' ghexieren ta' sigar differenti.

Izda l-post mhux minn dejjem kien daqshekk sabih. Kien biss fl-ahhar snin li l-Fondazzjoni hadet din l-art taht idejha u bdiet tnaddafha, wara iktar minn 20 sena abbandunata, fejn sal-1979 kienet tintuza bhala bazi militari mill-kolonjalisti Inglizi.

Ftit ftit ir-riserva qed tinbidel fi hmistax-il tomna ta' genna tal-art, anki jekk xi kultant din il-genna tkun tniggez. Hekk ninnota, meta nghaddi minn go nofs il-hurrieq. Mark jispjegali li hafna nies jahsbu li l-haxix hazin huwa sinjal ta' traskuragni u telqa, izda dan mhux il-kaz.

"Il-haxix hazin jghin lill-pjanti li tkun qed tkabbar, ghaliex jattira l-insetti li jattakkaw lilu minflok il-pjanta tieghek," jispjega Mark. "Barra minn hekk, meta jiddikomponi, il-haxix jaghti n-nutrijenti lill-hamrija." Din kellha tkun wahda mil-lezzjonijiet tieghi. Tghallimt li l-haxix hazin mhuwiex daqstant hazin!

**Jaddattaw ruhhom ghall-ambjent**

Il-flora endemika li Mark u shabu qed ikattru f'din ir-riserva tinkludi, fost ohrajn, iz-zebbuga bajda, il-palma Maltija, il-Virga (Chaste Tree), il-laringa tal-bakkaljaw, is-sigra tal-banana, Widnet il-Bahar, u l-ahhar u mhux l-inqas, il-harruba, li hija l-favorita ta' Mark u li fuqha bbaza l-istudji tieghu.

Mark urieni kif f'dan il-post qed jikkultivaw ukoll xi hxejjex, li jinkludu l-hass, il-ful u l-patata. Meta rrimarkajt dwar il-fatt li dawn il-hxejjex qed jirnexxielhom jikbru daqstant qrib tal-bahar, Mark spjegali li fuq din il-kwistjoni darba kellu dibattitu ma' akkademiku barrani.

"Konna qeghdin waqt konferenza barra minn Malta, u jien kont qed nitkellem dwar il-bdiewa Maltin li l-ghelieqi taghhom kienu jinsabu qrib tal-bahar," jirrakkonta Mark. "Fil-pront qam Professur u beda jmerini quddiem kulhadd. Qalli li dak li kont qed nghid kien impossibbli, ghax il-hxejjex ma setghux jigu kkultivati qrib il-bahar."

Mark jghid li stieden lil din il-persuna biex meta tkun Malta, jehodha l-Ahrax tal-Mellieha u tara b'ghajnejha l-kultivazzjoni hemmhekk. "Hekk ghamilna, u meta dan gie Malta inzerta l-maltemp, bir-raxx tal-bahar itir fuq l-ghelieqi. Hadtu fuq il-post u kellu jirrevedi l-opinjoni tieghu. Fil-konferenza ta' wara sahansitra skuza ruhu pubblikament," jghid Mark.

Izda ghalfejn dan il-Professur kellu din l-idea zbaljata? Mark jispjega li l-hxejjex ghandhom kapacità li jaddattaw ruhhom ghall-ambjent u l-hamrija li jkunu qeghdin fiha, ghalhekk anki l-hxejjex li jikbru fit-Tramuntana ta' Malta mhumiex ezatt bhal dawk tan-Nofsinhar, fejn tan-Nofsinhar generalment isiru qabel.

**Appell liz-zghazagh biex jippartecipaw**

Mark jispjega li minhabba l-fatt li l-hxejjex ikunu addattaw ruhhom ghall-ambjent, huwa mportanti li l-bdiewa jibqghu jizirghu mill-istess hxejjex taghhom, u mhux joqghodu jixtru zerriegha barranija, ghaliex din mhux se tkun tista' trendi l-istess prodott.

Il-Fondazzjoni Genista fil-fatt toffri ghajnuna lill-bdiewa fuq il-biedja organika. Mark jghid li din kienet l-ewwel fondazzjoni li ghamlet studju fuq is-sitwazzjoni attwali tal-biedja organika f'Malta, permezz tal-progett FP5 Channels, fejn sa dak iz-zmien l-istatistika kienet inezistenti.

"Sfortunatament hafna bdiewa ma jkunux jafu kemm qed jonfqu flus biex ikabbru l-hxejjex taghhom meta juzaw metodi artificjali," jghid Mark. Peress li b'mod generali z-zghazagh huma iktar miftuha ghal metodi godda, l-

POPOLARI | KUMMENTI RICENTI
Karikatura
It-tmexxija talL-Orkestra Nazzjonali tistonaha ma' surmast ta' fama
Hill Climb fil-Kalkara
Valletta jaghlqu l-loghba kmieni
Rainbows jinqalghu minn qiegh il-klassifika

It-Temp
Wed Thu Fri Sat Sun

Ikkuntattjana
Min Ahna
Avviz
Irriklama

Karikatura
Faccata

fondazzjoni qed tikkoncentra l-programmi ta' edukazzjoni fuqhom.

Bhala parti mill-European Voluntary Service, kull sena numru ta' zghazagh barranin jigu Malta u jinghaqdu mal-Fondazzjoni biex jaghmlu xoghol volontarju filwaqt li jitghallmu u jiddevertu.
Mark jispjega li ghalkemm jircievu madwar 700 applikazzjoni minn barra, sfortunatament iz-zghazagh Maltin ma tantx japplikaw biex jaghmlu skambju ta' esperjenza barra. Huwa jappella biex iktar zghazagh Maltin jiehdu interess f'dan il-programm siewi.

Email This Bookmark Set as favorite

## Kummenti (0)

Subscribe to this comment's feed

## Ikkummenta

**Isem**

**Email**

**Website**

**Titlu**

**Kumment**

smaller | bigger

I have read and agree to the Terms of Usage.

Zid Kumment

< Prev Next >

Copyright © 2013 Kullhadd. All Rights Reserved. Web Design in Malta by webee